MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.

## PAUL COPPINI

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2014

Rikors Numru. 7/2013

Gregory **Grech**

**vs**

**Dr. Joseph Grech li ġie nominat b'digriet**

**tal-lum stess bħala Kuratur sabiex jirrappreżenta**

**l-eredita tal-mejjet Carmel Grima**

**Illum il-Ħamis, 20 ta' Frar 2014**

Iċ-Chairman,

Ra r-Rikors ġuramentat tal-imsemmi Gregory Grech li permezz tiegħu wara li ppremetta:

1. Illi l-attur huwa s-sid tal-lok numru ħdax (11), Triq Xabbata, Sannat, Għawdex;

2. Illi l-attur kien jikri dan il-fond lil Carmel Grima li miet fit-3 ta' Settembru 2013;

3. Illi din il-kirja għalqet fid-disgħa u għoxrin ta' Settembru tas-sena kurrenti (2013);

4. Illi wara l-iskadenza tal-kirja fid-data fuq imsemmija l-fond fuq imsemmi baqa' ma ġiex rilaxxat lill-attur, u dan meta l-konvenut hu priv minn kull titolu;

5. Illi di piu, l-istess fond ma huwiex qiegħed jiġi użat, stante l-mewt ta' l-inkwilin oriġinali u ħadd ma wera interess li jitlob it-tiġdid ta' din il-kirja stnate illi l-werrieta ta' l-inkwilin huma inċerti u l-qraba immedjati jgħixu fl-esteru;

6. Illi dan ir-rikors qed isir u qed jiġi kkonfermat bil-ġurament minn l-attur li għandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti li taw lok għal din il-kawża;
7. Illi fil-fehma tal-attur, il-konvenuti m'għandhomx eċċezzjonjiet xi jqanqlu kontra t-talba odjerna, u għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti tita' tgħaddi għas-sentenza ai termini ta' l-artikolu mija u sebgħa u sittin (167) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talab lil dan il-Bord jogħġbu:

1. Jaqta' u jiddeċiedi l-kawża u jipproċedi skont it-talba ta' l-istanti bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini ta' l-artikolu mija u sebgħa u sittin (167) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jiddikjara illi l-kirja favur il-konvenut, tal-fond numru ħdax (11), Triq Xabbata, Sannat, Għawdex illum intemmet fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u l-konvenut ma fadallu l-ebda dritt jibqa jokkupa dan il-fond.

3. Konsegwentement jordna lill-konvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju li din l-Onorabbli Bord jogħġbu jipprefiġi, jirrilaxxaw il-pussess u jiżgombraw mill-fond numru ħdax (11), Triq Xabbata, Sannat, Għawdex u dan prevja kull provvediment li dan l-Onorabbli Bord jidhirlu xieraq u opportun.

Bl-ispejjeż kollha nkluża VAT. Il-konvenuti qegħdin jiġu minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Ra wkoll l-affidavit tal-istess Gregory Grech anness mar-rikors preżenti tiegħu, fejn huwa ddikjara

Illi huwa s-sid tal-fond numru ħdax (11), Triq Xabbata, Sannat, Għawdex. Illi huwa s-sid tal-fond;

Illi huwa kien jikri dan l-istess fond lil Carmel Grima, u li xhieda ta' dan qiegħed hawnhekk jannetti l-irċevuti relatati ma' din l-istess krija għal dawn l-aħħar tlett xhur;

Illi l-kirja fuq imsemmija skadiet fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013);

Illi minkejja l-iskadenza tal-kirja fid-data fuq imsemmija l-pussess tal-fond ma ġiex rilaxxat lis-sid Gregory Grech;

Illi in oltre, l-istess fond ma huwiex qiegħed jiġi użat, stante l-mewt ta' l-inkwilin oriġinali;

Illi l-istess Gregory Grech jixtieq li l-fond bin-numru ħdax (11), Triq Xabbata, Sannat, Għawdex jiġi żgumbrat, stante l-iskadenza tal-kirja;

Illi fil-fehma ta' Gregory Grech, il-konvenuti m'għandhomx eċċezzjonjiet xi jqanqlu kontra t-talba odjerna, u għaldaqstant il-Borg li Jirregola l-Kera jista' jgħaddi għas-sentenza ai termini ta' l-artikolu mija u sebgħa u sittin (167) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ra d-digriet tagħha tal-lum stess li permezz tiegħu ġie nominat l-Avukat Dr. Joseph Grech sabiex jirrapreżenta l-wirt ġjaċenti tal-mejjet Carmel Grima.

Iċ-Chairman billi jidhirlu illi t-talbiet kif magħmula huma ġustifikati u l-Kuratur nomine m'għandux eċċezzjonijiet validi x'jista' jressaq, jilqa' t-talbiet u jiddikjar illi l-kirja favur l-imsemmi Carmel Grima tal-fond numru ħdax (11), Triq Xabbata, Sannat, Għawdex illum intemmet u dana b'effett mid-disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u li l-wirt ġjaċenti tal-istess Carmel Grima ma jista' jkollu l-ebda dritt jokkupa l-istess fond.

Konsegwentement jordna lill-konvenut nomine sabiex fi żmien ħmistax mil-lum jirrilaxxa l-pussess u jiżgombra mill-fond numru ħdax (11), Triq Xabbata, Sannat, Għawdex u jħallih a libera disposizzjoni tar-rikorrenti.

L-ispejjeż ikunu a karigu tal-intimat nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------